KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-3 ta' Ġunju 2021 [1]

Kawża C-119/20

Līga Šenfelde
fil-preżenza ta':
Lauku atbalsta dienests (is-Servizz ta' Għajnuna għall-Iżvilupp Rurali, il-Latvja)
(Għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju fl-agrikoltura)

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema (is-Senat), il-Latvja))

"Politika Agrikola Komuni (PAK) – Appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – Regolament (UE) Nru 1305/2013 – Artikolu 19(1)(a) – Għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju – Għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar – Għajnuna għal bdiewa żgħażagħ – Applikazzjoni suċċessiva taż-żewġ għajnuniet – Ammissibbiltà – Kundizzjonijiet"

I. Introduzzjoni

1. Il-bdiewa jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna kemm għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar kif ukoll bħala bdiewa żgħażagħ fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)?

2. Dan huwa l-qofol tad-domanda magħmula mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema (is-Senat), il-Latvja) f'din it-talba għal deċiżjoni preliminari. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li kemm il-bdiewa żgħażagħ kif ukoll l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar jibbenefikaw mill-hekk imsejħa għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju. Dawn jifformaw parti integrali mill-miżura tal-iżvilupp tal-azjendi agrikoli li għandhom importanza partikolari għall-iżvilupp rurali.

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament Nru 1305/2013

3. Il-qafas regolamentari rilevanti għall-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju kkonċernata f'dan il-każ huwa, l-ewwel nett, ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[2].

4. Il-premessa 17 tar-Regolament Nru 1305/2013 tiddikjara:

"Għall-iżvilupp ta' żoni rurali, il-ħolqien u l-iżvilupp ta' attività ekonomika ġdida fil-forma ta' azjendi agrikoli ġodda […] huma essenzjali. […] Miżura għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli u n-negozji għandha tiffaċilita l-istabbiliment inizjali ta' bdiewa żgħażagħ u l-aġġustament strutturali tal-azjenda agrikola tagħhom wara l-istabbiliment inizjali. […] Għandu jiġi inkuraġġut ukoll l-iżvilupp ta' azjendi żgħar, li potenzjalment huma ekonomikament vijabbli. Sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda appoġġati minn dik il-miżura, l-appoġġ għandu jkun kondizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' pjan ta' negozju. L-appoġġ għal bidu ta' negozju għandu jkopri biss il-perijodu inizjali tal-ħajja ta' tali negozju u ma għandux isir għajnuna għall-operat. Għalhekk, meta l-Istati Membri jagħżlu li jagħtu għajnuna f'pagamenti, tali pagamenti għandhom isiru fuq perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin. […]

Sabiex jiġu indirizzati l-problemi ta' bdiewa żgħażagħ relatati mal-aċċess għall-art, l-Istati Membri jistgħu wkoll joffru dan l-appoġġ ikkumbinat ma' forom ta' appoġġ oħrajn, pereżempju, permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji."

5. Il-punt (n) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1305/2013 jiddefinixxi l-kunċett ta' "bidwi żagħżugħ" kif ġej:

"persuna li jkollha anqas minn 40 sena fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, li jkollha ħiliet u kompetenzi tax-xogħol adegwati u li tkun qiegħda tistabbilixxi lilha nnifisha għall-ewwel darba f'azjenda agrikola bħala l-kap ta' dik l-azjenda".

6. L-Artikolu 5(1) tal-istess regolament jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp rurali:

"[…]

2. it-titjib tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli u l-kompetittività tat-tipi kollha ta' agrikoltura fir-reġjuni kollha […] b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

[2] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU 2013, L 347, p. 487, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1) kif emendat bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2016/142 tat-2 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2016, L 28, p. 8). Sadanittant, ir-Regolament Nru 1305/2013 ġie emendat diversi drabi, l-aħħar darba bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2021/399 tad-19 ta' Jannar 2021 (ĠU 2021, L 79, p. 1). L-emendi rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura ser jiġu eżaminati iktar 'il quddiem (ara l-punti 11 *et seq*. U 58 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet).

(a) it-titjib tal-prestazzjoni ekonomika tal-azjendi agrikoli kollha u l-faċilitazzjoni tar-ristrutturar u l-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, partikolarment bil-ħsieb li jiżdiedu l-parteċipazzjoni fis-suq u l-orjentament […];

(b) il-faċilitazzjoni tad-dħul ta' bdiewa b'ħiliet adegwati fis-settur agrikolu u, b'mod partikolari, it-tiġdid ġenerazzjonali.

[…]

6. il-promozzjoni [tal-]iżvilupp ekonomiku fiż-żoni rurali, b'enfasi fuq l-oqsma li ġejjin:

(a) l-iffaċilitar [tal]-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar […]".

7. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, il-FAEŻR jiffunzjona fil-forma ta' programmi għall-iżvilupp rurali fl-Istati Membri.

8. L-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu bħala għan l-iżvilupp tal-azjendi agrikoli:

"(1) L-appoġġ taħt din il-miżura għandu jkopri:

(a) għajnuna biex jiġi stabbilit negozju għal:

(i) bdiewa żgħażagħ;

(ii) attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali;

(iii) l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar;

[…]

2. L-appoġġ skont il-punt (a)(i) tal-paragrafu 1 għandu jingħata lil bdiewa żgħażagħ.

[…]

L-appoġġ skont il-punt (a)(iii) tal-paragrafu 1 għandu jingħata lil azjendi agrikoli żgħar kif definit mill-Istati Membri.

[…]

4. L-appoġġ skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun jiddependi fuq il-preżentazzjoni ta' pjan tan-negozju. L-implimentazzjoni tal-pjan tan-negozju trid tibda fi żmien disa' xhur mid-data tad-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna.

Għal bdiewa żgħażagħ li jirċievu appoġġ skont il-punt (a)(i) tal-paragrafu 1, għandu jkun previst fil-pjan tan-negozju li l-bidwi żagħżugħ jikkonforma tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, rigward bdiewa attivi, fi żmien 18-il xahar mid-data tal-istabbiliment.

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-limiti massimi u minimi biex l-azjendi agrikoli jingħatalhom aċċess għal appoġġ skont il-punti (a)(i) u (a)(iii) tal-paragrafu 1. Il-limitu minimu għall-appoġġ skont il-punt (a)(i) tal-paragrafu 1 għandu jkun ogħla mil-limitu massimu

għall-appoġġ skont il-punt (a)(iii) tal-paragrafu 1. L-appoġġ għandu jkun limitat għall-azjendi li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' impriżi mikro u żgħar.

5. L-appoġġ taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jitħallas f'tal-anqas żewġ pagamenti fuq perijodu massimu ta' ħames snin. Il-pagamenti jistgħu jkunu digressivi. Il-ħlas tal-aħħar pagament skont il-punti (a)(i) u (a)(ii) tal-paragrafu 1 għandu jkun jiddependi fuq l-implimentazzjoni korretta tal-pjan tan-negozju.

6. L-ammont massimu ta' appoġġ skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 huwa stabbilit fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-ammont ta' appoġġ skont il-punti (a)(i) u (a)(ii) tal-paragrafu 1 filwaqt li titqies ukoll is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-qasam ikkonċernat tal-programm.

[…]"

9. Skont l-Anness II tar-Regolament Nru 1305/2013, l-ammont massimu tal-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 19(1)(a)(i) huwa ta' EUR 70 000 għal kull bidwi żagħżugħ [3] u l-ammont massimu għall-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 19(1)(a)(iii) huwa ta' EUR 15 000 għal kull azjenda agrikola żgħira.

10. Skont il-lista indikattiva li tinsab fl-Anness VI tal-istess regolament, l-iżvilupp tal-azjendi agrikoli, imsemmi fl-Artikolu 19, jifforma parti mill-miżuri ta' importanza partikolari għal diversi prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

2. Ir-Regolament 2017/2393

11. Il-premessa 1 tar-Regolament 2017/2393 [4], li emenda, b'mod partikolari, ir-Regolament Nru 1305/2013 wara l-perijodu rilevanti għal din il-proċedura, hija fformulata kif ġej:

"Sabiex jiġu żgurati ċertezza legali u implimentazzjoni armonizzata u nondiskriminatorja tal-appoġġ lil bdiewa żgħażagħ, jeħtieġ li fil-kuntest tal-iżvilupp rurali jkun previst li d-'data tal-istabbiliment', imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 […], tfisser id-data meta l-applikant iwettaq jew ilesti azzjoni relatata mal-istabbiliment għall-ewwel darba u li l-applikazzjoni għall-appoġġ trid tiġi sottomessa mhux aktar tard minn 24 xahar wara dik id-data. […]"

12. Permezz tal-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament 2017/2393, ġie miżjud il-punt (s) fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1305/2013 fejn id-"'data ta' stabbiliment' tfisser id-data li fiha l-applikant iwettaq jew ilesti azzjoni jew azzjonijiet relatati mal-istabbiliment imsemmi fil-punt (n)".

[3] Permezz tar-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 (ĠU 2020, L 437, p. 1) ġie miżjud paragrafu ieħor hawnhekk: "Dak l-ammont jista' jiżdied b'massimu addizzjonali ta' EUR 30 000 fil-każ ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-fondi msemmija fl-Artikolu 58a(1).". Dan il-fond huwa intiż sabiex jiffinanzja miżuri li jaffrontaw l-effetti tal-kriżi tal-COVID-19.

[4] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti (ĠU 2017, L 350, p. 15).

13. Skont ir-raba' subparagrafu, miżjud ukoll mal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 permezz tal-Artikolu 1(7)(a) tar-Regolament Nru 2017/2393, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżur(i) msemmija fil-punt (s) tas-subparagrafu 2 tal-Artikolu 2(1) fil-programmi għall-iżvilupp rurali.

14. Barra minn hekk, l-Artikolu 1(7a) tar-Regolament 2017/2393 żied l-ewwel subparagrafu l-ġdid fl-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013, li jipprovdi li "[l]-applikazzjoni għal appoġġ taħt il-punt (a)(i) tal-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data ta' stabbiliment".

3. Ir-Regolament Nru 1307/2013

15. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni [5] hija eliġibbli "[p]ersuna jew grupp ta' persuni […] bħala bidwi attiv jekk dan jipprovdi evidenza […] li turi kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) li l-ammont annwali tal-pagamenti diretti huwa mill-inqas 5 % tal-irċevuti totali li kiseb minn attivitajiet mhux agrikoli fis-sena fiskali l-aktar reċenti li għaliha hija disponibbli tali evidenza;

(b) li l-attivitajiet agrikoli tiegħu mhumiex insinifikanti;

(c) li l-objettivi prinċipali tan-negozju jew tal-kumpannija tiegħu jikkonsistu fl-eżerċitar ta' attività agrikola".

4. Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020

16. Il-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu u forestali u fiż-żoni rurali 2014-2020 (iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida dwar l-Agrikoltura") [6] jistabbilixxu, skont il-punt 4 tagħhom, il-kundizzjonijiet u l-kriterji li skonthom l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri fis-settur agrikolu u forestali u għal żoni rurali tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern.

17. Skont il-punt 23(a) tal-Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020, il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jestendi, b'mod partikolari, għall-għajnuna għal miżuri fis-settur agrikolu, li ma hijiex koperta minn programm għall-iżvilupp rurali skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1305/2013 [7].

18. Il-punti 99 sa 107 tal-Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020 jipprovdu taħt it-titolu "Akkumulazzjoni ta' għajnuna" b'mod partikolari dan li ġej:

"(99) L-għajnuna tista' tingħata flimkien ma' diversi skemi jew akkumulata ma' għajnuna ad hoc, sakemm l-ammont totali ta' għajnuna mill-Istat għal attività jew proġett megħjun ma taqbiżx il-limiti massimi tal-għajnuna stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida.

[5] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7). L-emendi magħmula sussegwentement ta' dan ir-regolament ma humiex rilevanti fir-rigward tad-dispożizzjoni ċċitata f'dan il-każ.

[6] 2014/C 204/01 (ĠU 2014, C 204, p. 1), kif emendati bl-Avviż tal-Kummissjoni li jemenda l-Linji Gwida (2015/C 390/05) (ĠU 2015, C 390, p. 4).

[7] Ara l-punt 7 iktar 'il fuq ta' dawn il-konklużjonijiet.

[…]

(107) […] L-għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ u għajnuna tal-bidu għall-iżvilupp ta' farms żgħar kif jissemma fit-Taqsima 1.1.2 ma għandhiex tiżdied ma' għajnuna tal-bidu ta' negozju għal bdiewa żgħażagħ jew l-iżvilupp ta' farms żgħar kif jissemma fl-Artikolu 19(1)(a)(i) u (iii) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 jekk b'dan il-kumulu, l-ammont tal-għajnuna jaqbeż lil dawk stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida."

19. It-Taqsima 1.1.2 tal-Parti II tal-Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020 tikkonċerna l-għajnuna għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ u l-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar. F'dan is-sens, il-punti 174, 177 u 184 huma b'mod partikolari sinjifikattivi f'dan il-każ:

"(174) Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-għajnuna biex jinbeda negozju għall-bdiewa żgħażagħ u għajnuna biex jinbeda negozju għall-iżvilupp ta' farms żgħar kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jekk tikkonforma mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

[…]

(177) L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu limiti superjuri u inferjuri għal aċċess ta' għajnuna inizjali għal bdiewa żgħażagħ u l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar […]. Il-livell limitu inferjuri għall-aċċess għal għajnuna tal-bidu għall-bdiewa żgħażagħ irid ikun ogħla mil-livell limitu superjuri għall-aċċess għal għajnuna għall-iżvilupp ta' farms żgħar.

[…]

(184) L-għajnuna massima trid tkun limitata għal EUR 70 000 għal kull bidwi żagħżugħ u EUR 15 000 għal kull farm żgħir. L-Istati Membri jridu jiddefinixxu l-ammont ta' għajnuna għal bdiewa żgħażagħ filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni soċjoekonomika taż-żona kkonċernata."

B. Id-dritt Latvjan

20. Il-Latvja implimentat ir-rekwiżiti tal-Unjoni permezz tad-Digrieti Nru 292 dwar l-iżvilupp tal-azjendi agrikoli żgħar [8] u Nru 323 dwar il-bdiewa żgħażagħ [9].

21. Il-punt 1 tad-Digriet Nru 292 jipprovdi li għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar tingħata "fil-forma ta' pagament ta' darba".

22. Mill-punt 20 ta' dan id-digriet jirriżulta li, matul perijodu ta' programmazzjoni, l-applikant għal għajnuna jista' jibbenefika darba mill-għajnuna msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet.

23. Il-punt 1 tad-Digriet Nru 323 jippreċiża li l-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ tingħata wkoll "fil-forma ta' pagament ta' darba".

[8] Digriet tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar il-proċedura għall-għoti ta' għajnuna fuq livell nazzjonali u fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea għas-submiżura "Għajnuna għall-bidu ta' negozju għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar" fil-kuntest tal-miżura "Żvilupp ta' azjendi agrikoli u ta' negozji", *Latvijas Vēstnesis* 2015, Nru 126.

[9] Digriet tas-16 ta' Ġunju 2015 dwar il-proċedura għall-għoti ta' għajnuna fuq livell nazzjonali u fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea għas-submiżura "Għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ għall-bidu ta' negozju" fil-kuntest tal-miżura "Żvilupp ta' azjendi agrikoli u ta' negozji", *Latvijas Vēstnesis* 2015, Nru 127.

III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

24. Fil-15 ta' Settembru 2015, Līga Šenfelde rreġistrat ruħha bħala imprenditriċi mal-awtoritajiet fiskali Latvjani.

25. Fuq talba ta' L. Šenfelde tal-5 ta' Ottubru 2015, il-Lauku atbalsta dienests (is-Servizz ta' Għajnuna għall-Iżvilupp Rurali, il-Latvja) awtorizza, fil-15 ta' Jannar 2016, għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira.

26. Fis-27 ta' Lulju 2016, L. Šenfelde ħadet f'idejha r-responsabbiltà tal-azjenda agrikola "Purenes"[10], operata preċedentement mill-ġenituri tagħha.

27. Sabiex tieħu f'idejha u tiżviluppa din l-azjenda agrikola, hija talbet ukoll, fit-23 ta' Awwissu 2016, għajnuna għal bdiewa żgħażagħ għall-bidu ta' negozju. Hija kompliet sadanittant bl-attivitajiet issussidjati mill-ewwel għajnuna.

28. B'deċiżjoni tas-6 ta' Jannar 2017, il-Lauku atbalsta dienests (is-Servizz ta' Għajnuna għall-Iżvilupp Rurali) ċaħad it-tieni applikazzjoni. Insostenn ta' dan, din l-awtorità argumentat li azjendi li jirċievu għajnuna huma maqsumin f'diversi kategoriji skont ir-Regolament Nru 1305/2013 u li l-għajnuniet ma jistgħux jikkoinċidu. Bl-istess mod, fid-dritt Latvjan, applikant jista' jibbenefika biss jew minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira jew minn għajnuna lil bdiewa żgħażagħ.

29. Ir-rikorsi ppreżentati minn L. Šenfelde quddiem l-Administratīvā rajona tiesa (il-Qorti Amministrattiva Distrettwali, il-Latvja) u quddiem l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) intiżi għall-adozzjoni tat-tieni awtorizzazzjoni ġew miċħuda.

30. Fil-kuntest tal-appell ta' kassazzjoni tagħha, L. Šenfelde ssostni li l-benefiċjarji ta' għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar jistgħu, barra minn hekk, jibbenefikaw minn għajnuna bħala bdiewa żgħażagħ.

31. Permezz ta' digriet tal-24 ta' Frar 2020, li wasal fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Frar 2020, l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema (is-Senat)) iddeċidiet għalhekk li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 19(1)(a) [tar-Regolament Nru 1305/2013] flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-istess regolament u mal-Linji Gwida [dwar l-Agrikoltura 2014-2020], għandu jiġi interpretat fis-sens li:

1) bidwi jitlef il-kwalità ta' "bidwi żagħżugħ" minħabba s-sempliċi fatt li huwa kien irċieva, sentejn qabel, l-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar prevista fl-Artikolu 19(1)(a)(iii) tar-Regolament Nru 1305/2013?

2) dawn id-dispożizzjonijiet jawtorizzaw lil Stat Membru li jadotta regoli li jipprojbixxu l-ħlas tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013 lil bidwi li jkun diġà rċieva l-għajnuna prevista fl-Artikolu 19(1)(a)(iii)?

[10] Manifestament imsemmija wara s-suffejra tal-art mistagħdra (*Caltha palustris*), "purva purene" bil-Latvjan.

3) Stat Membru għandu d-dritt li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-kumulu tal-għajnuna lil bidwi meta l-ordni ta' kumulu stabbilita fil-programm ta' żvilupp rurali miftiehem mal-Kummissjoni Ewropea ma tkunx ġiet osservata?"

32. Matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, L. Šenfelde, ir-Repubblika tal-Latvja u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

IV. Evalwazzjoni ġuridika

33. Il-politika agrikola komuni (PAK) hija bbażata fuq żewġ pilastri. Il-miżuri tal-ewwel pilastru jirrigwardaw, pereżempju, il-pagamenti diretti. It-tieni pilastru tal-PAK, jiġifieri l-politika għall-iżvilupp rurali, huwa rregolat mir-Regolament Nru 1305/2013. Il-miżuri tal-iżvilupp rurali għandhom jiġu implimentati f'qafas strateġiku permezz ta' programmi li jikkorrispondu għall-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali tal-Unjoni [11]. Fost il-prijoritajiet stabbiliti mir-Regolament Nru 1305/2013 hemm, b'mod partikolari, l-aċċess tal-bdiewa kkwalifikati għas-settur agrikolu u għat-tiġdid ġenerazzjonali kif ukoll il-bidu u l-iżvilupp ta' negozji żgħar [12].

34. Dawn il-prijoritajiet għandhom importanza partikolari [13] fl-iżvilupp tal-azjendi agrikoli skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1305/2013. L-appoġġ mogħti taħt din il-miżura jirrigwarda b'mod partikolari, skont l-Artikolu 19(1)(a), l-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju li hija maħsuba għal bdiewa żgħażagħ (punt (i)), għall-attivitajiet mhux agrikoli f'żoni rurali (punt (ii)) u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar (punt (iii)).

35. F'dan il-każ, l-awtoritajiet Latvjani rrifjutaw li jagħtu l-appoġġ lil L. Šenfelde bħala bidwija żagħżugħa minħabba li hija kienet diġà bbenefikat minn għajnuna għal azjenda agrikola żgħira.

36. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni rilevanti jeskludix l-appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ skont l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013 meta għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira tkun diġà tħallset skont il-punt (iii) ta' din id-dispożizzjoni (l-ewwel parti tad-domanda preliminari, ara A). Fit-tieni lok, għandha tiġi eżaminata l-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri f'dan ir-rigward (it-tieni u t-tielet parti tad-domanda preliminari, ara B).

A. Fuq il-possibbiltà li titressaq talba suċċessiva għal għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju skont l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013 għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar minn naħa, u għall-bdiewa żgħażagħ, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni (l-ewwel parti tad-domanda preliminari)

37. Permezz tal-ewwel parti tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013 għandux jiġi interpretat fis-sens li bidwi jitlef il-kwalità tiegħu ta' bidwi żagħżugħ meta jkun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira.

[11] Ara l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet) kif ukoll il-punt 7 tal-Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020.

[12] Ara l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[13] Ara l-lista indikattiva li tinsab fl-Anness VI tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 10 ta' dawn il-konklużjonijiet).

38. Dan għandu jinftiehem li għandu jkun magħruf jekk għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għal bdiewa żgħażagħ tistax tiġi mitluba meta l-bidwi jkun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandhom jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet rispettivi sabiex wieħed jibbenefika minn dawn iż-żewġ tipi ta' għajnuna.

39. F'dan ir-rigward, jirriżulta, l-ewwel nett, li l-kundizzjonijiet għall-ksib tal-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ, minn naħa, u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar, min-naħa l-oħra, jimponu f'kull każ daqs ta' azjenda differenti, b'tali mod li dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu ssodisfatti simultanjament (ara punt 1). Madankollu, tqum il-kwistjoni sussegwentement dwar jekk u, jekk ikun il-każ, sa fejn talba suċċessiva taż-żewġ għajnuniet tista' madankollu tkun ammissibbli meta, bħal f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet differenti dwar id-daqs tal-azjenda jiġu implimentati fiż-żmien, peress li l-azjenda setgħet, permezz tal-ewwel għajnuna, tikseb id-daqs neċessarju sabiex titlob it-tieni għajnuna (ara punt 2).

1. Kundizzjonijiet għall-ksib ta' għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-bdiewa żgħażagħ, minn naħa, u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar, min-naħa l-oħra

40. L-appoġġ fil-qafas tal-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013 jingħata, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(2) lil "bdiewa żgħażagħ". Dawn huma, f'konformità mal-punt (n) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tal-istess regolament, persuni li jkollhom inqas minn 40 sena fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, li jkollhom ħiliet u kompetenzi tax-xogħol adegwati u li jkunu qegħdin jistabbilixxu lilhom nfushom għall-ewwel darba f'azjenda agrikola bħala l-kap ta' dik l-azjenda. Skont l-Anness II tar-Regolament Nru 1305/2013, l-ammont massimu tal-appoġġ mogħti skont l-Artikolu 19(1)(a)(i) huwa ta' EUR 70 000 għal kull bidwi żagħżugħ.

41. L-appoġġ previst fl-Artikolu 19(1)(a)(iii) tar-Regolament Nru 1305/2013 huwa mogħti għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar filwaqt li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "azjendi agrikoli żgħar" skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Għalhekk, dawn tal-aħħar jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-istrutturi agrikoli rispettivi tagħhom għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà skont l-Artikolu 19(1)(a)(iii). Skont l-Anness II tar-Regolament Nru 1305/2013, l-ammont massimu tal-appoġġ skont din id-dispożizzjoni huwa ta' EUR 15 000 għal kull azjenda agrikola żgħira.

42. L-ewwel sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-limiti massimi u minimi [14] sabiex l-azjendi agrikoli jingħatalhom aċċess għal appoġġ skont il-punti (a)(i) u (a)(iii) tal-paragrafu 1. Dawn il-limiti għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-azjenda agrikola, ikkalkolat fuq bażi ta' "produzzjoni standard" jew fuq bażi ekwivalenti [15]. Skont il-fatt li dan huwa *potenzjal* ta' produzzjoni, huwa possibbli li l-applikant ikun għadu ma pprovdiex evidenza ta' tali produzzjoni fil-mument tal-applikazzjoni. Kif tispjega l-Kummissjoni fil-linji gwida tagħha dwar

[14] Fil-frattemp, hawnhekk tinsab ir-referenza addizzjonali "għal kull benefiċjarju jew azjenda", miżjuda mill-Artikolu 1(7)(a) tar-Regolament 2017/2393 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[15] Ara l-premessa 5 kif ukoll l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u li jintroduċi dispożizzjonijiet tranżitorji (ĠU 2014, L 227, p. 1), kif emendat bir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1367 (ĠU 2015, L 211, p. 7).

l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1305/2013, f'każijiet bħal dawn l-applikant għandu juri li huwa għandu l-potenzjal (f'termini ta' fatturi ta' produzzjoni bħal pajjiż, annimali, eċċ.) sabiex ikun jista' jilħaq ċertu livell ta' produzzjoni [16].

43. Skont it-tieni sentenza tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013, għad-definizzjoni tal-limiti massimi u minimi sabiex l-azjendi agrikoli jingħatalhom aċċess għal appoġġ skont il-punti (a)(i) u (a)(iii) tal-paragrafu 1, il-limitu minimu ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ skont il-punt (i) għandu jkun ogħla mil-limitu massimu ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli żgħar skont il-punt (iii).

44. Fi kliem ieħor, kif tindika l-Kummissjoni fil-linji gwida tagħha dwar l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1305/2013 [17] u kif isostnu kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Latvja fil-kuntest ta' din il-proċedura, dan ifisser li l-limitu ta' dħul ta' bidwi żagħżugħ, jiġifieri l-valur minimu ta' produzzjoni tal-azjenda agrikola tiegħu, għandu, sabiex jibbenefika mill-appoġġ skont l-Artikolu 19(1)(a)(i), ikun ogħla mill-valur massimu ta' produzzjoni ta' azjenda agrikola żgħira li titlob appoġġ taħt il-punt (iii) ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, skont l-indikazzjonijiet mogħtija mill-partijiet fil-kuntest ta' din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari, il-potenzjal ta' produzzjoni ta' azjenda agrikola żgħira jeħtieġ li jkun, skont id-dispożizzjonijiet Latvjani, bejn EUR 2 000 u EUR 15 000, filwaqt li l-potenzjal ta' produzzjoni ta' bidwi żagħżugħ jeħtieġ li jkun ta' bejn EUR 15 000 u EUR 70 000.

45. Peress li l-limitu minimu għall-aċċess għal appoġġ tal-bdiewa żgħażagħ huwa, fi kwalunkwe każ, ogħla mil-limitu massimu ta' aċċess għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar, il-kundizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ għajnuniet sabiex jiġi stabbilit negozju ma jistgħux jiġu ssodisfatti simultanjament. Fil-fatt, meta azjenda tkun tinsab taħt il-limitu massimu ta' aċċess għall-appoġġ għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar, din tkun tinsab ta' bilfors taħt il-limitu minimu ta' aċċess għall-appoġġ tal-bdiewa żgħażagħ ukoll. Għall-kuntrarju, azjenda, li d-daqs tagħha jaqbeż dan il-limitu minimu, tkun ta' bilfors taqbeż ukoll il-limitu massimu ta' aċċess għall-appoġġ ta' azjendi agrikoli żgħar.

46. Dawn il-kriterji ta' esklużjoni reċiproki tal-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-bdiewa żgħażagħ minn naħa, previsti fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013, u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar min-naħa l-oħra, huma dovuti għall-fatt li b'dawn iż-żewġ miżuri għandu jiġi segwit, b'mod distint u komplementari, l-għan komuni ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-iżvilupp tal-azjendi agrikoli permezz tal-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju.

47. Għalhekk, permezz ta' għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-bdiewa żgħażagħ skont l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013, li tiffaċilita l-istabbiliment inizjali ta' bidwi żagħżugħ li jkollu azjenda agrikola, għandu jkun iffaċilitat ukoll l-aċċess għas-settur agrikolu għall-bdiewa raġonevolment ikkwalifikati u għandu jiġi inkorraġġut it-tiġdid ġenerazzjonali b'mod partikolari. Dan jikkorrispondi għal prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali [18]. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-obbligi l-oħra li jakkumpanjaw appoġġ għal bidwi żagħżugħ taħt din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, il-persuni megħjuna b'dan il-mod jeħtieġ li jaġixxu bħala bdiewa attivi [19]

[16] Ara l-punti 4.3.1. u 4.3.3. (p. 10 u 12) tal-*Measure fiche Farm and business development, Measure 6, Article 19 of Regulation 1305/2013*, verżjoni ta' Novembru 2014, disponibbli għall-Istati Membri fid-database CircaBC.

[17] Ara l-punti 4.3.1. u 4.3.3. (p. 10 u 11) tal-*Measure fiche Farm and business development, Measure 6, Article 19 of Regulation 1305/2013* (ara, iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża Région wallonne (Appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ) (C-830/19, EU:C:2021:100, punti 67 *et seq*.).

[18] Ara l-punt 2(b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 6 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[19] Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 flimkien mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punti 8 u 15 ta' dawn il-konklużjonijiet).

u operaturi effettivi, jiġifieri li jkollhom f'idejhom it-tmexxija effettiva tal-azjendi tagħhom [20]. Dan jiggarantixxi li huma jistabbilixxu ruħhom ukoll verament bħala operaturi tal-azjenda u li jissodisfaw l-attività agrikola prinċipali tagħhom jew, tal-inqas, jagħmlu dan b'mod sostanzjali. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti jekk l-istabbiliment inizjali jseħħx bil-bidu ta' azjenda ġdida jew bl-akkwist ta' azjenda eżistenti.

48. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 19(1)(a)(iii) tar-Regolament Nru 1305/2013, l-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar hija intiża sabiex tiffavorixxi l-iżvilupp, jiġifieri t-titjib strutturali tas-sitwazzjoni ta' azjendi agrikoli żgħar eżistenti diġà. Għalhekk dan jirrigwarda ż-żamma u t-titjib tal-istrutturi agrikoli eżistenti diġà li jikkostitwixxu ż-żoni rurali. Skont il-premessa 17 tar-Regolament Nru 1305/2013, huwa minnu li l-appoġġ għandu jibbenefika biss lill-azjendi li potenzjalment huma ekonomikament vijabbli [21]. Madankollu, l-appoġġ huwa intiż sabiex jinkoraġġixxi lill-operaturi ta' tali strutturi sabiex ikomplu jmexxu u jiżviluppaw l-azjendi tagħhom, anki jekk dawn ikunu azjendi żgħar ħafna li l-qligħ tagħhom ma jikkorrispondix neċessarjament għall-parti l-kbira tad-dħul tal-operatur jew ikun ta' natura semisussistenti ekonomikament. Fil-fatt, huwa wkoll, u preċiżament permezz tal-preżervazzjoni ta' tali strutturi li l-vitalità taż-żoni rurali tiġi ppreżervata u b'dan il-mod ikunu qegħdin jiġu miġġielda d-deżertifikazzjoni ta' dawn iż-żoni u l-għejbien ta' strutturi lokali.

49. L-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ, minn naħa, u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar, min-naħa l-oħra, hija indirizzata għalhekk lil żewġ gruppi distinti ta' benefiċjarji li kull wieħed minnhom jikkontribwixxi għall-preżervazzjoni u għall-iżvilupp rurali bil-mod tiegħu. Kif tispjega l-Kummissjoni fil-linji gwida tagħha dwar l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1305/2013, il-fatt li dawn iż-żewġ tipi ta' għajnuna jibbenefikaw lil benefiċjarji differenti għandu wkoll l-għan li jikkontribwixxi għall-mira tal-miżuri limitati u sabiex b'hekk jiġu evitati l-hekk imsejħa "effetti deadweight" [22]. Dawn tal-aħħar jippreżentaw ruħhom f'sitwazzjoni fejn tingħata għajnuna għall-implimentazzjoni ta' miżuri, li fi kwalunkwe każ, kienu jiġu implimentati mill-benefiċjarji, jiġifieri anki mingħajr l-għoti tal-għajnuna. Il-prevenzjoni ta' tali effetti deadweight tissodisfa l-prinċipju ġenerali fil-qasam tal-appoġġ permezz tal-fondi tal-Unjoni, li jgħid li kull għajnuna għandu jkollha effett ta' inċentiv speċifiku.

50. L-iżvilupp tal-iskema tal-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju, skont l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013, huwa għalhekk intiż sabiex jiġi evitat li l-bdiewa żgħażagħ li l-attivitajiet ippjanati tagħhom għandhom, skont l-ispjegazzjonijiet preċedenti, ikollhom dimensjoni mhux negliġibbli, "jieħdu", meta mqabbla ma' dan tal-aħħar, għajnuna ta' ammont relattivament baxx ta' massimu ta' EUR 15 000 [23] għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, filwaqt li l-kisba ta' din l-għajnuna ma hijiex determinanti sabiex dawn jistabbilixxu ruħhom bħala bdiewa żgħażagħ.

51. Madankollu, x'jiġri f'każ bħal dak inkwistjoni, fejn, f'perijodu ta' żmien relattivament qasir, id-daqs tal-azjenda meħtieġ sabiex tibbenefika mill-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar, minn naħa, u tal-bdiewa żgħażagħ, min-naħa l-oħra, jintlaħaq gradwalment, b'mod partikolari għaliex il-benefiċjarja tal-għajnuna setgħet iżżid b'mod korrispondenti l-potenzjal ta' produzzjoni tagħha permezz tal-ksib tal-ewwel għajnuna u li jista' jkun li proprju dan wassalha

[20] Ara l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 807/2014 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 15 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq) kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża Région wallonne (Appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ) (C-830/19, EU:C:2021:100, punti 84 *et seq.*).

[21] Ara, iktar 'il fuq, il-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[22] Ara l-punt 4.3.1. (p. 10), *Measure fiche Farm and business development, Measure 6, Article 19 of Regulation 1305/2013* (ara, iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[23] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 9 u 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

sabiex tikkunsidra stabbiliment bħala bidwija żagħżugħa? F'tali każ ukoll, bħalma qegħdin isostnu l-Latvja u l-Kummissjoni, għandha tkun eskluża applikazzjoni għaż-żewġ għajnuniet, avolja l-benefiċjarja tal-għajnuna tkun tissodisfa wieħed mill-għanijiet prinċipali tar-Regolament Nru 1305/2013, jiġifieri l-akkwist ta' azjenda agrikola minn bidwi żagħżugħ?

2. Applikazzjoni għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ wara li jkunu bbenefikaw minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira fil-każ ta' twettiq gradwali tad-daqs tal-azjenda – il-prinċipji ta' ammissibbiltà u kundizzjonijiet

52. F'dan il-każ, l-idea li bidwi, li jkun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira ma jistax jibqa' jibbenefika minn għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ, anki jekk fil-frattemp l-azjenda tiegħu tkun laħqet id-daqs neċessarju, hija sostnuta kemm mil-Latvja kif ukoll mill-Kummissjoni, madankollu għal raġunijiet differenti.

53. Insostenn tal-pożizzjoni tagħha, il-Latvja tinvoka argument li ġie invokat diġà mill-awtoritajiet Latvjani fil-kawża prinċipali. Minn dan jirriżulta li bidwi li jkun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira ma jistax jibqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jibbenefika mill-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ. Fil-fatt, anki jekk il-potenzjal tal-produzzjoni tal-azjenda tiegħu jkun laħaq id-daqs neċessarju għal dan il-għan, dan il-bidwi ma jibqax "bidwi żagħżugħ" fis-sens tal-punt (n) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1305/2013. Fil-fatt, ma jistax jiġi kkunsidrat, kif teżiġi din id-dispożizzjoni, li dawn il-bdiewa "jistabbilixxu azjenda agrikola għall-ewwel darba bħala kapijiet tal-azjenda", għaliex bidwi f'dan il-każ ikun neċessarjament stabbilixxa ruħu bħala kap minn qabel u mhux iktar tard minn meta jkun kiseb l-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira.

54. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tqis li bidwi ma jitlifx l-istatus tiegħu ta' bidwi żagħżugħ għas-sempliċi raġuni li dan ikun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 1305/2013, kif emendat bir-Regolament Nru 2017/2393 [24], li jista' jservi wkoll għall-interpretazzjoni tas-sitwazzjoni legali rilevanti f'dan il-każ [25], jipprovdi li l-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ għandha tintalab mhux iktar tard minn 24 xahar wara d-data ta' stabbiliment. B'hekk, il-kundizzjoni ta' "stabbiliment inizjali" meħtieġa għall-applikazzjoni għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ tista' titqies bħala ssodisfatta matul perijodu ta' sentejn wara l-istabbiliment, minkejja li, matul dan il-perijodu, bidwi żagħżugħ inizjalment talab għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira u li l-azjenda tiegħu kibret biss sad-daqs mitlub għall-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ.

55. Madankollu, skont il-Kummissjoni, l-għan tar-regoli ta' għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ, minn naħa, u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar, min-naħa l-oħra, jipprekludi wkoll għajnuna oħra, peress li ż-żewġ għajnuniet huma previsti għal darba għal gruppi differenti ta' benefiċjarji u għalhekk ma jistgħux jiġu akkumulati.

56. L-analiżi tal-Kummissjoni għandha, l-ewwel nett, tiġi approvata fis-sens li bidwi ma jitlifx l-istatus tiegħu ta' bidwi żagħżugħ minħabba l-fatt li jkun ibbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira matul perijodu ta' 24 xahar qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ (ara punt a). Għall-kuntrarju, f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà ta' ksib gradwali taż-żewġ għajnuniet, l-analiżi tal-Kummissjoni għandha tiġi rfinata. Fil-fatt, huwa minnu li ż-żewġ għajnuniet ma jistgħux jiġu akkumulati fit-totalità tagħhom.

[24] Ara, iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 4 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[25] Ara, iktar 'il quddiem, il-punti 59 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

Madankollu, huwa possibbli li ż-żewġ għajnuniet jintalbu u jinkisbu jekk l-ammont irċevut fil-qafas tal-ewwel għajnuna jiġi paċut mal-ammont li għandu jiġi rċevut fil-qafas tat-tieni għajnuna (ara punt b). Din is-soluzzjoni hija konformi kemm mar-realtajiet tal-bdiewa żgħażagħ kif ukoll mal-għanijiet tal-appoġġ tagħhom skont ir-Regolament Nru 1305/2013 (ara punt c)

a) Fuq it-terminu għall-applikazzjoni għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ u t-twettiq tal-kundizzjonijiet neċessarji għal dan il-għan

57. Kif diġà ġie spjegat, "bidwi żagħżugħ", fis-sens tal-punt (n) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, huwa persuna li tkun stabbilit ruħha bħala kap f'azjenda agrikola għall-ewwel darba [26].

58. Fil-verżjoni tar-Regolament Nru 1305/2013 rilevanti f'dan il-każ, il-kunċett ta' "stabbiliment inizjali" ma kienx iddefinit b'mod iktar iddettaljat. Għalhekk, dan jidher li huwa problematiku. Fil-fatt, minn naħa, kien jidher ċar mill-bidu nett li l-istabbiliment huwa proċess kontinwu matul perijodu partikolari u ma huwiex mument preċiż [27]. Min-naħa l-oħra, huwa neċessarju li tiġi ffissata data preċiża li minnha jibdew jiddekorru ċerti termini, li jibdew mit-terminu li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-għoti tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ [28]. F'dan ir-rigward, mill-formulazzjoni tar-Regolament Nru 1305/2013, fil-verżjoni tiegħu applikabbli f'dan il-każ, ma jirriżultax li l-applikazzjoni għall-appoġġ għal bidwi żagħżugħ għandha tiġi ppreżentata qabel il-konklużjoni tal-istabbiliment. Madankollu, għadu mhux ċar kemm huwa twil il-perijodu li fih bidwi żagħżugħ jista' jissottometti din l-applikazzjoni wara l-istabbiliment tiegħu.

59. Għalhekk, skont l-ewwel premessa tiegħu, l-għan tar-Regolament Nru 2017/2393 kien li jiżgura ċ-ċertezza legali u li jiżgura implimentazzjoni armonizzata u nondiskriminatorja tal-appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ. Għal dan il-għan, għandu jiġi ppreċiżat li d-data tal-istabbiliment hija d-data li fiha l-applikant jibda jew itemm miżura waħda jew iktar fir-rigward tal-istabbiliment inizjali, fejn l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-miżuri inkwistjoni u li t-talba għal appoġġ għandha tiġi ssottomessa mhux iktar tard minn 24 xahar minn din id-data [29]. Abbażi ta' dan, ir-Regolament Nru 1305/2013 ġie ssupplimentat u adattat [30].

60. Huwa minnu li d-dispożizzjonijiet suċċessivi ma jistgħux iservu awtomatikament sabiex jinterpretaw dispożizzjonijiet preċedenti, sa fejn dawn jistgħu jiġu interpretati mhux biss bħala preċiżazzjonijiet, iżda wkoll bħala emendi sostantivi tas-sitwazzjoni legali preċedenti [31]. Madankollu, sa fejn l-emendi inkwistjoni f'din il-kawża jikkostitwixxu espressament preċiżazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet hekk emendati tar-Regolament Nru 1305/2013, minkejja li ma humiex direttament applikabbli, jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tas-sitwazzjoni legali li tirregola l-kawża prinċipali.

[26] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 5 u 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Ara l-punt 4.3.1. (p. 9), tal-*Measure fiche Farm and business development, Measure 6, Article 19 of Regulation 1305/2013* (ara, iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[28] Iżda wkoll it-terminu sabiex jibda jiġi implimentat il-pjan ta' negozju (l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 jew it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 kif emendat bir-Regolament Nru 2017/2393); it-terminu għat-twettiq tal-kundizzjonijiet fir-rigward ta' bdiewa attivi (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 jew it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 kif emendat bir-Regolament Nru 2017/2393) jew it-terminu għall-ksib tal-ħiliet okkupazzjonali neċessarji (Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 807/2014 (ara l-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet)). Id-data tad-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna minn issa tibda titqies b'mod kostanti bħala l-bidu tad-dekorrenza ta' dawn it-termini.

[29] Ara, iktar 'il fuq, il-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[30] Ara l-punt (s) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) kif ukoll l-ewwel u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 kif emendat bir-Regolament Nru 2017/2393 (ara, iktar 'il fuq, il-punti 12 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet).

[31] Ara wkoll, għal dan il-għan, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (C-341/17 P, EU:C:2018:981, punt 53).

61. Għalhekk, fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni legali, għandu jiġi kkunsidrat, bħal fil-każ tal-Kummissjoni, li l-kundizzjoni dwar "stabbiliment inizjali" hija ssodisfatta meta l-applikazzjoni għall-għoti tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ tiġi ppreżentata f'terminu ta' 24 xahar mid-data ta' stabbiliment u indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk, matul dan il-perijodu, kinitx diġà tħallset għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira.

62. Konformement ma' dan l-approċċ, L. Šenfelde kellha tiġi kkunsidrata bħala "bidwija żagħżugħa" skont il-punt (n) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) fil-mument meta hija ppreżentat l-applikazzjoni tagħha għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ skont l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013. Fil-fatt, skont il-qorti tar-rinviju, ir-reġistrazzjoni ta' L. Šenfelde bħala imprenditriċi seħħet biss inqas minn sena qabel l-applikazzjoni tagħha għal appoġġ bħala bidwija żagħżugħa. L-għajnuna għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli żgħar ġiet awtorizzata biss seba' xhur qabel din l-applikazzjoni għal appoġġ [32]. Għalhekk ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq il-punt dwar jekk, f'dan il-każ, ir-reġistrazzjoni ta' L. Šenfelde bħala imprenditriċi jew il-benefiċċju tal-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira għandhiex titqies bħala d-"data tal-istabbiliment" [33], peress li, f'kull każ, hemm inqas minn 24 xahar bejn dawn l-avvenimenti u l-applikazzjoni għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ [34].

63. Madankollu, l-argument tal-Latvja jqajjem ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex wieħed jibbenefika mill-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ jeħtieġx li jkunu ssodisfatti diġà sad-data tal-istabbiliment, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-daqs tal-azjenda jew jekk huwiex suffiċjenti li d-daqs tal-azjenda neċessarju jintlaħaq matul it-terminu għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

64. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li r-Regolament Nru 1305/2013 ma jipprovdi ebda element li jippermetti li jiġi ssostanzjat qari fejn il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa, sabiex wieħed jibbenefika mill-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ, ikun jeħtieġ li jkunu ssodisfatti diġà sad-data tal-istabbiliment. Għall-kuntrarju, ir-regolament fih diversi dispożizzjonijiet li jipprovdu li ċerti kundizzjonijiet (pereżempju l-ħila okkupazzjonali neċessarja jew l-osservanza tad-dispożizzjonijiet dwar il-bdiewa attivi) għandhom jiġu ssodisfatti f'ċertu terminu li jibda mill-awtorizzazzjoni tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ [35]. Dan jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt, imsemmi diġà, li l-istabbiliment inizjali ta' bidwi żagħżugħ huwa proċess kontinwu li jseħħ matul ċertu perijodu.

65. Huwa minnu li r-Regolament Nru 1305/2013 ma jipprovdi ebda indikazzjoni f'dan ir-rigward dwar id-data li fiha jeħtieġ li jintlaħaq id-daqs neċessarju tal-azjenda sabiex wieħed jibbenefika mill-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ. Madankollu, huwa naturali li jiġi kkunsidrat li din il-kundizzjoni ma jeħtieġx li tkun ssodisfatta diġà fid-data tal-istabbiliment, iżda huwa suffiċjenti li din tkun issodisfatta fil-mument tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Fil-fatt, dan huwa

[32] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 24 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

[33] Skont il-punt (s) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, kif emendat bir-Regolament 2017/2393 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 12 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[34] Skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Nru 1305/2013 kif emendat bir-Regolament Nru 2017/2393 (ara l-punt 13 ta' dawn il-konklużjonijiet), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-programmi tagħhom tal-iżvilupp rurali liema miżuri jiġu kkunsidrati bħala "miżuri […] li huma marbuta […] mal-istabbiliment […]" skont il-punt (s) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament u li b'hekk jiġu kkunsidrati wkoll bħala "data tal-istabbiliment". Jekk, f'dan il-każ, l-Istati Membri jagħżlu miżura marbuta mal-applikazzjoni għall-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, din probabbilment ikollha tkun id-data tal-awtorizzazzjoni (u mhux id-data tal-applikazzjoni) ta' din l-għajnuna. Għaliex inkella d-dewmien tat-terminu li jifdal wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ ikun jiddependi mid-dewmien tal-ipproċessar tal-ewwel applikazzjoni mill-awtoritajiet. Għalhekk, it-termini li jifdal lil benefiċjarju tal-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ, sabiex jissodisfaw kundizzjonijiet differenti li huma neċessarji għal dan il-għan, jibdew mid-data tad-deċiżjoni li tingħata l-għajnuna (ara, iktar 'il fuq, in-nota ta' qiegħ il-paġna 28 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[35] Ara, iktar 'il fuq, il-punt 58 u b'mod partikolari n-nota ta' qiegħ il-paġna 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

l-mument li fih l-awtorità kompetenti tivverifika l-eżistenza tal-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tinkiseb l-għajnuna, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti li għandhom jiġu ssodisfatti iktar tard.

66. Għalhekk, l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013 jippermetti li bidwi żagħżugħ jista' japplika għal għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ matul l-ewwel 24 xahar wara l-istabbiliment tiegħu, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk huwa jkunx diġà bbenefika matul dan il-perijodu minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira skont il-punt (iii).

67. Mal-ewwel daqqa t'għajn, din l-interpretazzjoni tmur kontra l-għanijiet tal-iskema ta' appoġġ, imfakkra iktar 'il fuq, li tirriżulta b'mod partikolari mid-diversi limiti għall-potenzjal ta' produzzjoni tal-operat [36]. Madankollu, din il-kontradizzjoni tiġi eliminata jekk l-ammont irċevut minn benefiċjarju tal-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira jiġi paċut mal-ammont irċevut sussegwentement fil-forma ta' għajnuna lill-bdiewa.

b) Imputazzjoni tal-ammont diġà rċevut bħala għajnuna għall-iżvilupp tal-azjendi agrikoli żgħar

68. Kif tesponi ġustament il-Kummissjoni u, finalment, ukoll il-Latvja, akkumulazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar u għall-bdiewa żgħażagħ, fis-sens li ż-żewġ għajnuniet jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mir-rati massimi ta' appoġġ previsti u li l-ammonti hekk miksuba jistgħu faċilment jingħaddu flimkien, tikkontradixxi l-kunċett ta' din l-għajnuna għal gruppi differenti ta' benefiċjarji kif ukoll il-prinċipji ta' użu effiċjenti tal-fondi u ta' tqassim ġust u mmirat tal-fondi tal-Unjoni.

69. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi aċċettat li l-istess bidwi jista' jirċievi sa EUR 15 000 bħala għajnuna għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar u, fil-kuntest tal-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ sa EUR 70 000, jiġifieri total ta' EUR 85 000 [37]. Barra minn hekk, dan huwa kkonfermat mid-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020 fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, li jipprovdu li l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lill-bdiewa żgħażagħ minn naħa u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar min-naħa l-oħra, tista' tiġi akkumulata mal-għajnuna mogħtija lil dawn il-gruppi ta' benefiċjarji skont ir-Regolament Nru 1305/2013 biss sa fejn l-ammonti massimi ta' appoġġ stabbiliti rispettivament ta' EUR 15 000 u EUR 70 000 ma jinqabżux [38].

70. Minn dan isegwi li, f'sitwazzjoni bħal f'dan il-każ, fejn għajnuna hija mitluba minn bidwi żagħżugħ skont l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013, li jkun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira skont il-punt (iii) ta' din id-dispożizzjoni, l-ammont irċevut taħt din l-għajnuna għandu jitnaqqas mill-ammont li għandu jingħata abbażi tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ.

[36] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 46 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

[37] Skont l-Artikolu 19(6) flimkien mal-Anness II tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 8 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet), dawn huma l-limiti massimi sa fejn l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-ammonti ta' appoġġ f'kull każ. Sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-qasam ikkonċernat tal-programm. Skont il-qorti tar-rinviju, fil-Latvja, l-ammont massimu ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ ġie stabbilit għal EUR 40 000 u l-ammont massimu ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar ġie stabbilit għal EUR 15 000.

[38] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 18 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet.

71. Dan jiggarantixxi li l-ammont massimu ta' appoġġ taħt din l-għajnuna, jiġifieri ammont massimu ta' EUR 70 000, ma jinqabiżx. Għalhekk, jekk bidwi jkun kiseb diġà EUR 15 000 għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, huwa ma jistax jikseb iktar minn EUR 55 000 bħala appoġġ għal bidwi żagħżugħ.

72. Skont id-dritt tal-Unjoni, L. Šenfelde tista' għalhekk tibbenefika mill-għajnuna bħala bidwija żagħżugħa jekk, fil-kuntest tal-għoti ta' din l-għajnuna, jiġi paċut mal-ammont diġà rċevut għall-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira.

c) L-għan tal-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ

73. Din is-soluzzjoni, issuġġerita mill-qorti tar-rinviju, tirrispondi għall-oġġezzjoni li l-istess azjenda jew l-istess proġett ta' żvilupp ma jistgħux jiġu ffavoriti miż-żewġ tipi ta' għajnuna minħabba li dawn huma ddisinjati għal gruppi ta' benefiċjarji differenti.

74. Fil-fatt, tali appoġġ doppju jiġi evitat permezz tas-soluzzjoni proposta f'dan il-każ. Għaliex din finalment toqrob lejn sitwazzjoni fejn l-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ ma titħallasx f'daqqa, iżda fi stadji differenti. Il-possibbiltà ta' tali ħlas bin-nifs hija espressament prevista mir-Regolament Nru 1305/2013[39]. Fl-aħħar mill-aħħar, bidwi żagħżugħ li inizjalment jitlob għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, u wara għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ, ma jkunx jinsab f'sitwazzjoni iktar favorevoli, iżda fl-istess ħin lanqas ma jkun jinsab f'pożizzjoni żvantaġġuża minn bidwi żagħżugħ li, inizjalment, japplika immedjatament għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ.

75. Il-fatt li bidwi żagħżugħ ikun jista' jitlob, anki wara l-kisba tal-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, l-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ ukoll, li tiġi paċuta mal-ammont diġà rċevut, jieħu inkunsiderazzjoni wkoll ir-realtà tal-ħajja tal-bdiewa żgħażagħ u huwa konformi mal-għan tal-appoġġ tagħhom skont ir-Regolament Nru 1305/2013.

76. Għalhekk, inizjalment, il-kriterju tal-istabbiliment inizjali fil-kuntest tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ ma jippreżupponix neċessarjament li din tinbidel f'azjenda ġdida li ma kinitx teżisti qabel. Għall-kuntrarju, kif tirrileva wkoll il-Kummissjoni, huwa possibbli u abitwali li bidwi żagħżugħ jieħu f'idejh ir-responsabbiltà ta' azjenda li kienet diġà teżisti fl-istabbiliment inizjali tiegħu, bħal L. Šenfelde fil-kawża prinċipali.

77. Kif isostnu wkoll il-Kummissjoni u L. Šenfelde u kif juru l-fatti tal-kawża, huwa wkoll konċepibbli, f'tali sitwazzjoni, li bidwi żagħżugħ ikompli jiżviluppa u jkabbar sussegwentement l-azjenda agrikola li jkun ħa f'idejh. Fil-fatt, dan huwa konformi mal-għanijiet ta' żvilupp tan-negozji, li minn negozju żgħir jista' jiżviluppa negozji ikbar.

78. F'dan ir-rigward, jidher li huwa biss permezz tal-appoġġ għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira li L. Šenfelde tpoġġiet f'pożizzjoni fejn hija setgħet iżżid il-potenzjal ta' produzzjoni tagħha b'mod suffiċjenti sabiex tissodisfa l-kundizzjoni ta' daqs sabiex finalment tapplika għall-għajnuna

[39] Ara l-premessa 17 kif ukoll l-Artikolu 19(5) tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punti 4 u 8 ta' dawn il-konklużjonijiet). Il-kwistjoni dwar jekk il-ħlas bin-nifs jikkostitwixxix obbligu jew possibbiltà ma hijiex perfettament ċara fid-dawl tal-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet Latvjani, li skonthom l-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ u għall-iżvilupp ta' azjendi agrikoli żgħar għandha tiġi ddistribwita fil-forma ta' pagament ta' darba (ara l-punti 21 u 23 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq), humiex konformi f'dan ir-rigward mar-Regolament Nru 1305/2013 għadha ma ġietx iddeterminata. F'kull każ, dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ma jistgħux jiġu interpretati jew applikati b'mod li jipprekludu l-ħlas tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ f'każ bħal dak inkwistjoni għas-sempliċi raġuni li l-bidwi jkun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira; ara, f'dan ir-rigward, il-punti 83 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

lill-bdiewa żgħażagħ [40]. Barra minn hekk, skont l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju u mill-partijiet jirriżulta li L. Šenfelde esponiet fil-pjan ta' negozju tagħha għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ, li hija xtaqet tkompli l-proġett mibdi fil-kuntest tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-għan imfittex minnu (b'mod partikolari t-tkabbir tal-popolazzjoni tal-bhejjem).

79. Li bidwi żagħżugħ jiġi mċaħħad mill-benefiċċju tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ f'tali sitwazzjoni, minħabba li kien ibbenefika diġà mill-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira għall-istess azjenda u għall-istess proġett, imur totalment kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 1305/2013 u l-prijoritajiet tal-Unjoni għall-appoġġ taż-żoni rurali. Fil-fatt, skont il-punt 2(a) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, "it-titjib tal-prestazzjoni ekonomika tal-azjendi agrikoli kollha [kif ukoll] l-faċilitazzjoni tar-ristrutturar u l-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, partikolarment bil-ħsieb li jiżdiedu l-parteċipazzjoni fis-suq u l-orjentament" huwa espressament prijorità tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali.

80. Il-bdiewa żgħażagħ li jkunu fil-fażi ta' stabbiliment għandhom għalhekk iktar jiġu mħeġġa jkabbru u jiżviluppaw l-azjendi tagħhom u jadattaw konsegwentement il-pjanijiet ta' negozju inizjali tagħhom. Dan huwa iktar u iktar il-każ meta bidwi żagħżugħ li għadu jkabbar l-azjenda tiegħu wara li jkun ibbenefika mill-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira u li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ (tmexxija ta' azjenda, bidwi attiv, attività agrikola bħala parti sostanzjali mid-dħul [41]) ikompli jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-vijabbiltà u tal-kompetittività tal-agrikoltura kif ukoll tat-tiġdid ġenerazzjonali.

81. Barra minn hekk, il-fatt li bidwi żagħżugħ ikollu l-opportunità, wara li jkun ibbenefika mill-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, li japplika wkoll għall-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ, li magħha jiġi paċut sussegwentement l-ammont irċevut bħala għajnuna għall-iżvilupp, huwa wkoll konformi mal-fatt li l-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju ta' bdiewa żgħażagħ tista' tiġi akkumulata ma' diversi miżuri oħra, bħal strumenti finanzjarji li jiffaċilitaw l-aċċess ta' bdiewa żgħażagħ għall-artijiet u għall-mezzi ta' produzzjoni kif ukoll għall-istabbiliment tagħhom [42].

3. Konklużjoni dwar l-ewwel parti tad-domanda preliminari

82. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li bidwi jista' jibbenefika kemm minn għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, skont il-punt (iii) kif ukoll minn għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-bdiewa żgħażagħ skont il-punt (i). Għal dan il-għan, kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni talba għal appoġġ għandhom jiġu ssottomessi matul

[40] Kemm L. Šenfelde kif ukoll il-Kummissjoni jindikaw, barra minn hekk, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom f'din il-proċedura, li min-naħa tal-awtoritajiet Latvjani kien hemm, f'mument partikolari, tip ta' sejħa għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-ksib tal-għajnuna għall-bdiewa żgħażagħ u li, preċedentement, ma kienx neċessarjament prevedibbli f'liema mument kellha ssir din is-sejħa. L. Šenfelde b'mod partikolari tidher għalhekk issostni li, fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, hija lanqas ma setgħet tipprevedi jekk, jew meta, hija tkun tista' sussegwentement tapplika għall-għajnuna lill-bdiewa. Jekk dan kien il-każ, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, ikun inqas u inqas iġġustifikat li L. Šenfelde tiġi akkużata fil-mument tal-applikazzjoni għal din l-għajnuna, li hija kienet applikat għall-għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira preċedentement.

[41] Ara, iktar 'il fuq, il-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[42] Ara l-premessa 17(2) tar-Regolament Nru 1305/2013 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 4 ta' dawn il-konklużjonijiet), kif ukoll il-premessa 8, l-Artikolu 8(2) u l-punt 5(b) tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 (ĠU 2014, L 227, p. 18). Ara wkoll il-punt 4.2.1. (p. 10 *et seq*.) tal-*Measure fiche Farm and business development, Measure 6, Article 19 of Regulation 1305/2013* (ara, iktar 'il fuq, il-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet): "It is possible to combine some of the different support options under Article 19 within one supported project (i.e. integrated approach)". Fl-aħħar nett, il-Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020 jinkludu wkoll punt speċifiku dwar il-kundizzjonijiet li fihom akkumulazzjoni ta' għajnuna, bħal dak inkwistjoni, tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq intern, ara l-punti 99 *et seq*. tal-Linji Gwida dwar l-Agrikoltura 2014-2020 (ara, iktar 'il fuq, il-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet).

perijodu li ma jeċċedix l-24 xahar mid-data tal-istabbiliment. L-appoġġ irċevut taħt l-ewwel għajnuna għandu jiġi paċut mal-appoġġ li għandu jiġi ppreżervat fil-kuntest tat-tieni għajnuna, b'tali mod li l-ammont massimu ta' appoġġ għal kull bidwi żagħżugħ skont l-Artikolu 19(6) u l-Anness II tar-Regolament Nru 1305/2013 ma jinqabiżx.

B. Fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri (it-tieni u t-tielet parti tad-domanda preliminari)

83. Permezz tat-tieni u tat-tielet parti tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment [43], jekk l-Istati Membri jistgħux jipprevedu li bidwi żagħżugħ li jkun diġà bbenefika minn għajnuna għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira skont l-Artikolu 19(1)(a)(iii) tar-Regolament Nru 1305/2013 ma jistax jibqa' jibbenefika minn għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ skont il-punt (iii) ta' din id-dispożizzjoni.

84. Din id-domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv.

85. Huwa minnu li, skont il-ġurisprudenza, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni ta' regolament. Madankollu, għal dan il-għan, huma ma jistgħux jostakolaw l-applikazzjoni diretta tagħhom, li n-natura ġuridika tagħha ma hijiex moħbija u jeħtieġ li jibqgħu fil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lilhom mill-imsemmi regolament [44].

86. F'dan il-każ, huwa minnu li r-Regolament Nru 1305/2013 iħalli diversi marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp tal-programmi ta' appoġġ taż-żoni rurali tagħhom kif ukoll l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Dawn il-marġni ta' diskrezzjoni, pereżempju f'dak li jirrigwarda d-daqs tal-azjendi eliġibbli jew l-ammont tal-għajnuna [45], huma intiżi sabiex jippermettu lill-Istati Membri jieħdu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi rispettivi tagħhom. Madankollu, dawn il-marġni huma, kull darba, espressament previsti mir-Regolament Nru 1305/2013 u ma jikkonċernawx il-kriterji bażiċi relatati mal-eliġibbiltà tal-bdiewa żgħażagħ fis-sens tal-Artikolu 19(1)(a)(i). Dawn il-kriterji huma, għall-kuntrarju, stabbiliti b'mod eżawrjenti minn dan ir-regolament innifsu [46].

87. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jiċħdu din l-għajnuna lil bidwi żagħżugħ li jissodisfa l-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013 [47]. Madankollu, skont ir-risposta mogħtija għall-ewwel parti tad-domanda preliminari, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni, waqt l-allokazzjoni ta' dan l-appoġġ, is-somom irċevuti fil-kuntest ta' għajnuna taħt il-punt (iii) ta' din id-dispożizzjoni.

[43] Permezz tat-tielet parti tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk Stat Membru jistax jirrifjuta l-akkumulazzjoni ta' għajnuna meta s-suċċessjoni tal-akkumulazzjoni prevista mill-programm nazzjonali ta' appoġġ ma tkunx ġiet osservata. Ma huwiex għalkollox ċar għal xiex qiegħda tirreferi l-qorti tar-rinviju eżattament b'din id-domanda, peress li hija ma ppreċiżatx liema hija s-suċċessjoni ta' akkumulazzjoni fil-programm Latvjan. Madankollu, din it-tielet parti tirrigwarda fl-aħħar mill-aħħar il-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri jibqgħalhomx marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kisba tal-għajnuna lill-bdiewa żgħażagħ.

[44] Sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Občina Gorje (C-111/15, EU:C:2016:532, punti 35 u 36); tat-30 ta' Marzu 2017, Lingurár (C-315/16, EU:C:2017:244, punti 18 u 19); u tas-7 ta' Awwissu 2018, Ministru kabinets (C-120/17, EU:C:2018:638, punti 31 u 32).

[45] Ara, fir-rigward tal-azjendi agrikoli żgħar, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 1305/2013, fir-rigward tad-definizzjoni tal-limiti massimi u minimi sabiex jingħata aċċess għal appoġġ, ara t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(4) u fir-rigward tal-ammont tal-għajnuna, ara l-Artikolu 19(6) (ara, iktar 'il fuq, il-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet).

[46] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 40 *et seq.* ta' dawn il-konklużjonijiet.

[47] Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, Ketelä (C-592/11, EU:C:2012:673, punti 41 *et seq.*).

V. Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) L-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li bidwi jista' jibbenefika kemm minn għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, skont il-punt (iii), kif ukoll minn għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-bdiewa żgħażagħ skont il-punt (i). Għal dan il-għan, kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni talba għal appoġġ għandhom jiġu ssottomessi matul perijodu li ma jeċċedix l-24 xahar mid-data tal-istabbiliment. L-appoġġ irċevut taħt l-ewwel għajnuna għandu jiġi paċut mal-appoġġ li għandu jiġi ppreżervat fil-kuntest tat-tieni għajnuna, b'tali mod li l-ammont massimu ta' appoġġ għal kull bidwi żagħżugħ skont l-Artikolu 19(6) u l-Anness II tar-Regolament Nru 1305/2013 ma jinqabiżx.

2) Meta bidwi żagħżugħ jissodisfa, matul perijodu ta' 24 xahar wara l-istabbiliment tiegħu, il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jibbenefika mill-għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju lill-bdiewa żgħażagħ prevista fl-Artikolu 19(1)(a)(i) tar-Regolament Nru 1305/2013, l-Istati Membri ma jistgħux jirrifjutawlu l-awtorizzazzjoni ta' din l-għajnuna għar-raġuni li huwa diġà bbenefika, matul l-istess perijodu, minn għajnuna sabiex jiġi stabbilit negozju għall-iżvilupp ta' azjenda agrikola żgħira, skont il-punt (iii) ta' din id-dispożizzjoni.